**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 194**

It-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol l-Onor. Clyde Caruana, il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima u s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Keith Azzopardi Tanti kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għall-Artijiet u għall-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, l-Onor. Chris Agius, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Stephen Spiteri*, l-Onor. Ian Vassallo u l-Onor. Julie Zahra kienu skużati.

L-Onor. Ivan J. Bartolo u l-~~Onor. Stephen Spiteri~~* kienu assenti.

** Vide Minuti tas-Seduta 196 – 17.01.2024*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta 193 li saret fl-10 ta' Jannar 2024 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-ħatra tas-Sa Eleanor Scerri bħala Skrivan tal-Kamra kienet ġiet ikkonfermata mill-President ta' Malta.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 12049 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, l-Onor. Clint Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 2842 | Informazzjoni dwar pagamenti fuq xogħlijiet ta' eskavazzjoni u kostruzzjoni fuq l-iskola ġdida Primarja u l-estensjoni tal-Middle School fir-Rabat, Għawdex, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13619; |
| P.L. 2843 | Tabella li turi informazzjoni dwar proprjetajiet esproprjati f'Għawdex maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14058; |
| P.L. 2844 | Tabella li turi informazzjoni dwar in-numru ta' siġar, arbuxelli u pjanti mediċinali li tħawlu mir-Rural Gozo Directorate – Sezzjoni Afforestazzjoni maqsuma skont il-lokalità, minn Jannar sa Diċembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14061; |
| P.L. 2845 | Informazzjoni dwar bidliet fil-policies tal-Awtorità tal-Ippjanar minn Jannar 2013 sa Diċembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14266; u |
| P.L. 2846 | Ċirkolarijiet għall-Periti 3/16, 1/19 u 1/24 dwar regolarizzazzjoni ta' introduzzjonijiet ta' provvedimenti għal żviluppi li saru qabel l-2016, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14662. |

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 2847 | Tabella li turi n-numru ta' każijiet ta' separazzjoni pendenti maqsuma skont il-Qorti ta' Malta u Għawdex fis-snin bejn l-2003 u Diċembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13720; |
| P.L. 2848 | Informazzjoni dwar appelli deċiżi mill-Qorti Kostituzzjonali, mill-Qorti tal-Appell Superjuri u mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-snin bejn l-2021 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14474; |
| P.L. 2849 | Tabella li turi n-numru ta' ittri uffiċjali li ġew preżentati taħt l-artikolu 166 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fis-snin bejn l-2005 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14475; |

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 2850 | Avviż Legali Nru 3 tal-2024 – Ordni tal-2024 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra; u |
| P.L. 2851 | Avviż Legali Nru 4 tal-2024 – Ordni tal-2024 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-Imħallfin u Maġistrati; |

f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 2852 | Kuntratt ta' impjieg iffirmat fl-1 ta' Frar 2020 bejn il-Malta – EU Steering and Action Committee (MEUSAC) u s-Sa Mandy Falzon fil-kariga ta' Chief Executive Officer tal-MEUSAC, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14259; |

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2853 Informazzjoni dwar proġetti li wettqu jew qegħdin iwettqu Project Green, Ambjent Malta u Greenserv maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13926;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2854 Avviż Legali Nru 5 tal-2024 – Regoli tal-2024 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Pensjonijiet; u

P.L. 2855 Avviż Legali Nru 6 tal-2024 – Regoli tal-2024 li jemendaw ir-Regoli dwar Rimborż tat-Taxxa (Pensjonanti);

f'isem il-Ministru għall-Artijiet u għall-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2856 Kuntratt iffirmat bejn Dr Ian Stafrace u Dr Robert Abela għall-proprjetà fi Triq id-Dejqa Valletta datat 24 ta' Mejju 2013, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14525.

P.L. 2857 Informazzjoni dwar kumpens li ngħata lis-sidien oriġinali rigward Home Ownership Scheme fl-2023 maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14527; u

f'isem il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2858 Tabella li turi informazzjoni dwar n-numru ta' persuni li jaħdmu fiċ-Child and Young People's Services (CYPS) maqsuma skont il-professjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13449.

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Chris Bonett, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2859 Tabella li turi n-numru ta' residenti barranin li nħarġitilhom liċenzja Maltija tas-sewqan maqsuma xahar b'xahar minn Jannar 2017 sa Jannar 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14754.

Il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika, l-Onor. Clayton Bartolo, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2860 Pjanta għal proġett fi Triq San Publiju f'San Pawl il-Baħar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14512.

Is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Alicia Bugeja Said, f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2861 Avviż Legali Nru 2 tal-2024 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa l-1 ta' Jannar 2024 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tal-Att tal-2023 dwar l-Agrikoltura (Att Nru XXXIII tal-2023) (Kap. 639) għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ; u

P.L. 2862 Kuntratt bejn il-Kummissarju tal-Artijiet, il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima u l-Animal Pro Health (APH) Ltd għal enfitewsi temporanja għal sit f'Ta Qali ffirmat fit-12 ta' Frar 2016, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14627.

**PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU TAL-KAMRA**

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, ġibed l-attenzjoni tas-Sedja illi kien għad ma hemmx deċiżjoni min-naħa tal-Gvern sabiex jittellgħu fuq l-aġenda tal-Kamra l-mozzjonijiet għall-Ewwel Qari tas-seba' abbozzi ta' liġi mressqa mill-Oppożizzjoni.

L-Onor. Naomi Cachia informat lill-Kamra li n-naħa tal-Gvern kienet talbet lill-Oppożizzjoni tindika liema abbozzi ta' liġi kienet trid li jingħataw prijorità sabiex jittellgħu fuq l-aġenda.

L-Onor. Robert Cutajar qal li l-Oppożizzjoni ma setgħetx tagħmel distinzjoni bejn l-abbozzi ta' liġi li kienet ressqet u talab direzzjoni mis-Sedja.

Is-Sedja informat lill-Kamra li kienet se tagħti direzzjoni fi stadju ulterjuri.

**MOZZJONIJIET**

**207. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-ATTIV FINANZJARJU VIRTWALI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, ippropona l-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali.

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali, Kap. 590 u sabiex jipprovdi għal ħwejjeġ anċillari jew konsegwenzjali għalihom" inqara l-ewwel darba.

**209. SOSTITUZZJONI TA' MEMBRU FUQ IL-KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur ippropona:

Illi l-Kamra tirriżolvi li l-Onor. Naomi Cachia tinħatar membru tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra minflok l-Onor. Andy Ellul li kien nominat fuq l-istess Kumitat permezz tal-Mozzjoni 10 mgħoddija fis-Seduta 1 tas-7 ta' Mejju 2022.

L-Onor. Katya de Giovanni ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**210. SOSTITUZZJONI TA' MEMBRU FUQ IL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur ippropona:

Illi l-Kamra tad-Deputati tirriżolvi li l-Onor. Edward Zammit Lewis jinħatar President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej minflok l-Onor. Glenn Bedingfield li kien maħtur President tal-istess Kumitat permezz tal-Mozzjoni Nru 18 mgħoddija fis-Seduta Nru 5 tas-16 ta' Mejju

2022 u li l-Onor. Glenn Bedingfield jinħatar membru minflok l-Onor. Edward Zammit Lewis li kien maħtur membru tal-istess Kumitat permezz tal-Mozzjoni 175 mgħoddija fis-Seduta 153 tal-10 ta' Ottubru 2023.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**211. SOSTITUZZJONI TA' MEMBRU FID-DELEGAZZJONI PARLAMENTARI MALTIJA FL-ASSEMBLEA PARLAMENTARI TAL-KUNSILL TAL-EWROPA (PACE)**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur ippropona:

Illi l-Kamra tirriżolvi li fid-delegazzjoni parlamentari Maltija fl-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE) l-Onor. Randolph De Battista jinħatar membru minflok l-Onor. Chris Bonett li kien nominat membru fuq l-istess delegazzjoni permezz tal-Mozzjoni 32 mgħoddija fis-Seduta 5 tas-16 ta' Mejju 2022.

Il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika, l-Onor. Clayton Bartolo, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 7) – ABBOZZ NRU 68**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7).

L-Onor. Michael Farrugia ssekonda.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Jonathan Attard, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Claudette Buttigieg, l-Onor. Edward Zammit Lewis u l-Onor. Carmelo Abela.

Bil-permess tal-Kamra l-Onor. Edward Zammit Lewis qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2863 Dokument bl-isem *National Anti-Fraud and Corruption Strategy* maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru f'Mejju 2021.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ppropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

Fis-6.42 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 16 ta' Jannar 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 11) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Paula Mifsud Bonnici, mill-Onor. Jerome Caruana Cilia u mill-Onor. Claudette Buttigieg.

Fis-7.15 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 16 ta' Jannar 2024, bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**